MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-22 ta' Awwissu, 2006

Numru. 26/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Maurice Curmi**

**v**

**PAUL BORG**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **PAUL BORG** ta' wiehed u tletin sena bin il-mejjet Anthony u Maria nee Vella, imwieled Victoria, Ghawdex nhar l-hdax ta’ Frar 1975 u residenti 93, Triq Sant’Antnin, Ghajsielem, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 4375G gie imressaq quddiemha akkuzat talli f’April 2004, u fix-xhur ta’ qabel f’Ghajnsielem, Ghawdex u fi bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer:

a. b'ghemil zieni kkorrompa lil persuna taht l-eta u cioe lil Francesca minorenni ta' erbatax il-sena;

b. talli offenda l-pudur jew il-morali b'ghemil li sar f'lok pubbliku jew f'lok espost ghall-pubbliku.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali datat wiehed w ghoxrin ta' Awissu 2006 esibit fl-atti bhala dokument CSH 2, sabiex din il-kawza fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat, tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jiddikjara fis-seduta tat-tnejn w ghoxrin ta' Awissu 2006, li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta kif jirrizulta mill-ezami li sarlu nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Awissu 2006, ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Awissu 2006.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Il-Qorti qiset is-segwenti fatturi rigwardanti l-piena:

1. Il-fedina penali netta tal-imputat minn fejn jirrizulta li l-imputat m'ghandu ebda tebgha ta' reat jew kontravenzjoni registrat fuqha u ghaldaqstant ghandu jigu trattat bhalikieku huwa *a first time offender*;

2. Il-ko-operazzjoni shiha tal-imputat mal-Prosekuzzjoni sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni u cioe meta rrilaxxja l-istqarrija markata bhala dokument CSH 3;

3. L-ammissjoni bikrija tal-imputat sa mill-bidu nett ta' dawn il-proceduri, li b'hekk m'inhela ebda hin zejjed tal-Qorti;

4. Il-fatt li l-genituri tal-minuri jafu b'dak li hu ghaddej u cioe din r-relazzjoni u m'ghandhomx oggezzjoni ghal istess.

Ghalhekk, **il-Qorti,** wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 203 u 209 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li <u>ssib lil imputat PAUL BORG hati tal-akkuzi kollha  kif dedotti fil-konfront tieghu fuq ammissjoni tieghu stess u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sena sospiza ghal sentejn bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta</u>.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------